



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



17943/1/11 REV 1

(OR. en)

PRESSE 471
PR CO 75

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3131 laqgħa tal-Kunsill

Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

Brussell, 1 u 2 ta' Diċembru 2011

Presidenti

Is-Sur Władysław KOSINIAK-KAMYSZ

Ministru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali

Is-Sur Radosław MLECZKO

Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali

Is-Sur Bartosz ARŁUKOWICZ

Ministru tas-Saħħa

Is-Sur Adam FRONCZAK

Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tas-Saħħa

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 5272 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

17943/1/11 REV 1

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

Impjiegi u Politika Soċjali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar Regolament emendat dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali.

Billi ma setgħetx tinkiseb maġġoranza kwalifikata, il-Kunsill ma laħaqx ftehim politiku dwar l-estenzjoni tad-deroga marbuta mal-kriżi rigward il-fond Ewropew ta' aġġustament għall-globalizzazzjoni.

Huwa kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 fil-qasam tal-impjiegi u l-politika soċjali, u ħa kont tal-progress dwar in-negozjati rigward direttivi dwar il-leave tal-maternità, it-trattament ugwali u r-rekwiżiti tas-sikurezza għal ħaddiema esposti għal żoni elettromanjetiċi.

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar it-tixjiħ u dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja.

Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur

Il-Ministri adottaw tliet gruppi ta' konklużjonijiet dwar:

- *il-prevenzjoni, id-dijanżosi bikrija u trattament ta' mard respiratorju kroniku fit-tfal;*
- *skoperta bikrija u trattament ta' diffikultajiet ta' komunikazzjoni fit-tfal, li jinkludu l-użu ta' għodod tas-Saħħa elettronika u soluzzjonijiet innovattivi;*
- *l-Għeluq ta' lakuni fis-saħħa fl-UE permezz ta' azzjoni miftiehma li tippromwovi mġiba għal stil ta' ħajja san.*

Il-Ministri skambjaw ukoll fehmiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Programm tas-Saħħa għat-Tkabbir 2014-2020.

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI	5
---------------------------	----------

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI.....	7
Koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali.....	7
Direttiva dwar l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-kampi elettromanjetiċi.....	8
Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.....	9
Direttiva dwar il-leave tal-maternità	10
Direttiva dwar it-Trattament Ugwali.....	11
Impjiegi u politika soċjali fl-Istrateġija Ewropa 2020	12
It-tixjiħ: opportunità għas-suq tax-xogħol u għall-iżvilupp ta' servizzi soċjali u attivitajiet komunitarji	14
Rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja fil-kuntest tal-pjattaforma ta' azzjoni ta' Bejġing	15
Moviment liberu tal-ħaddiema mill-Bulgarija u r-Rumanija	16
AFFARIJET OĦRAJN (Politika Soċjali u Impjiegi)	17
SAĦĦA U AFFARIJET TAL-KONSUMATUR.....	19
Mard respiratorju kroniku fit-tfal.....	19
Problemi ta' komunikazzjoni fit-tfal	20
Għeluq tal-lakuni fis-saħħa bil-promozzjoni ta' mgħiba għal stil ta' ħajja san	21
Programm tas-Saħħa għat-Tkabbir 2014-2020	22
AFFARIJET OĦRAJN (Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)	23

¹

- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill insemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*KULTURA*

- Bord taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew24

TURIŻMU

- Proġetti kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - *Konklużjonijiet tal-Kunsill*24

AGRIKOLTURA

- Statistika dwar għelejjel permanenti.....25

ĦATRIET

- Kumitat Ekonomiku u Soċjali25
- Kumitat tar-Reġjuni.....25

PARTEĊIPANTI

Belġju:

Is-Sinjura Joëlle MILQUET

Is-Sur Jean-Marc DELIZÉE

Bulgarija:

Is-Sur Stefan KOSTANTINOV

Is-Sur Alexander EVTIMOV

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Jaromir DRÁBEK

Is-Sur Vítězslav VAVROŠEK

Danimarka:

Is-Sinjura Mette FREDERIKSEN

Is-Sinjura Karen Angelo HÆKKERUP

Is-Sinjura Astrid Krag KRISTENSEN

Is-Sur Manu SAREEN

Ġermanja:

Is-Sinjura Annette WIDMANN-MAUZ

Is-Sur Guido PERUZZO

Estonja:

Is-Sur Hanno PEVKUR

Irlanda:

Is-Sur James REILLY

Is-Sur Ciaran CANNON

Greċja:

Is-Sur Georgios KOUTROUMANIS

Is-Sur Andreas LOVERDOS

Spanja:

Is-Sinjura Maria Luz RODRÍGUEZ FERNÁNDEZ

Is-Sur Alfonso JIMÉNEZ PALACIOS

Is-Sur Constantino SOTOCA CARRASCOSA

Franza:

Is-Sur Xavier BERTRAND

Is-Sur Philippe LEGLISE-COSTA

Italja:

Is-Sur Renato BALDUZZI

Is-Sinjura Elsa FORNERO

Ċipru:

Is-Sinjura Sotiroula CHARALAMBOUS

Is-Sur Stavros MALAS

Latvja:

Is-Sinjura Ilze VIŅĶELE

Is-Sur Rinalds MUCIŅŠ

Litwanja:

Is-Sur Audrius BITINAS

Is-Sinjura Nora RIBOKIENĖ

Lussemburgu:

Is-Sinjura Michèle EISENBARTH

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Impjiegi u l-
Opportunitajiet Indaqs, b'responsabbiltà għall-Politika
dwar il-Migrazzjoni u l-Asil
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Soċjali

Ministru tas-Saħħa
Ministru plenipotenżjarju (Politika Soċjali u Impjiegi,
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE),
Rappreżentanza Permanenti

Ministru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali
Viċi Ministru tas-Saħħa

Ministru tal-Impjiegi
Ministru tal-Affarijiet Soċjali u l-Integrazzjoni
Ministru tas-Saħħa u l-Prevenzjoni
Ministru għall-U gwaljanza bejn is-Sessi, l-Affarijiet
Ekkleżjaſtiċi u l-Kooperazzjoni Nordika

Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-
Riċerka
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tal-Affarijiet Soċjali

Ministru tas-Saħħa u t-Tfal
Ministeru tal-Istat b'responsabbiltà speċjali għat-Taħriġ u
l-Ħiliet (Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-Ħiliet)

Ministru tal-Impjiegi u l-Protezzjoni Soċjali
Ministru tas-Saħħa u s-Solidarjetà Soċjali

Segretarju tal-Istat għall-Impjiegi
Segretarju tal-Istat għas-Saħħa
Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi tal-Komunità
Awtonoma ta' Murcia

Ministru tax-Xogħol, l-Impjiegi u s-Saħħa
Viċi Rappreżentant Permanenti

Ministru tas-Saħħa
Ministru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali

Ministru tax-Xogħol u s-Sigurtà Soċjali
Ministru tas-Saħħa

Ministru tal-Protezzjoni Soċjali
Segretarju tal-Istat, Ministeru tas-Saħħa

Viċi Ministru tas-Sigurtà Soċjali u x-Xogħol
Viċi Ministru tas-Saħħa

Viċi Rappreżentant Permanenti

Ungerija:

Is-Sur Miklós RÉTHELYI
Is-Sur Sándor CZOMBA

Ministru tar-Riżorsi Nazzjonali
Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Ekonomija Nazzjonali

Malta:

Is-Sur Joe CASSAR
Is-Sur Chris SAID

Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura Komunitarja
Segretarju Parlamentari għall-Konsumaturi, il-Kompetizzjoni Ġusta, il-Kunsilli Lokali u d-Djalogu Pubbliku

Pajjiżi l-Baxxi:

Is-Sur Henk KAMP
Is-Sur Derk OLDENBURG

Ministru tal-Affarijiet Soċjali u l-Impjiegi
Viċi Rappreżentant Permanenti

Awstrija:

Is-Sur Rudolf HUNDSTORFER

Is-Sur Harald GÜNTHER

Ministru Federali tax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Ħarsien tal-Konsumatur
Viċi Rappreżentant Permanenti

Polonja:

Is-Sur Władysław KOSINIAK-KAMYSZ
Is-Sur Radosław MLECZKO

Ministru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali
Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tax-Xogħol u l-Politika Soċjali
Ministru tas-Saħħa
Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru tas-Saħħa

Is-Sur Bartosz ARŁUKOWICZ
Is-Sur Adam FRONCZAK

Portugall:

Is-Sur Pedro MOTA SOARES
Is-Sur Pedro SILVA MARTINS

Ministru tas-Solidarjetà Soċjali
Segretarju tal-Istat għall-Impjiegi

Rumanija:

Is-Sinjura Sulfina BARBU
Is-Sur Adrian STREINU CERCEL

Ministru tax-Xogħol, il-Familja u l-Protezzjoni Soċjali
Segretarju tal-Istat, Ministeru tas-Saħħa

Slovenja:

Is-Sur Uroš VAJGL

Viċi Rappreżentant Permanenti

Slovakkja:

Is-Sinjura Lucia NICHOLSONOVA

Is-Sur Peter JAVORCÍK

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Familja
Viċi Rappreżentant Permanenti

Finlandja:

Is-Sinjura Paula RISIKKO
Is-Sur Lauri IHALAINEN
Is-Sinjura Maria GUZENINA-RICHARDSON

Ministru tal-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa
Ministru tax-Xogħol
Ministru tas-Saħħa u s-Servizzi Soċjali

Svezja:

Is-Sinjura Hellevi ENGSTRÖM
Is-Sur Göran HÄGGLUND
Is-Sur Jan OLSSON

Ministru tal-Impjiegi
Ministru tas-Saħħa u l-Affarijiet Soċjali
Viċi Rappreżentant Permanenti

Renju Unit:

Is-Sur Chris GRAYLING
Is-Sur Andy LEBRECHT

Ministru tal-Impjiegi
Viċi Rappreżentant Permanenti

Kummissjoni:

Is-Sinjura Viviane REDING
Is-Sur László ANDOR
Is-Sur John DALLI

Viċi-President
Membru
Membru

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

Koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali

Il-Kunsill qabel, b'maġġoranza kwalifikata, dwar approċċ ġenerali rigward l-emendi għar-Regolamenti 883/2004 u 987/2009 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali ([17421/11](#)+[ADDI](#)), b'hekk witta' t-triq biex jinkiseb qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew.

L-emendi għandhom l-għan li jipprovdu soluzzjoni sodisfaċenti fil-każ ta' ħaddiema transkonfinali li qabel kienu jaħdmu għal rashom, u li issa huma kompletament qiegħda, u li kienu koperti minn sistema ta' benefiċċji ta' qgħad fil-pajjiż tal-attività tagħhom u rritornaw għall-Istat Membru ta' residenza tagħhom, fejn ma jeżisti l-ebda benefiċċju kontra r-riskju tal-qgħad (l-Artikolu 65a ġdid fir-Regolament 883/2004).

L-Artikolu 65a jintroduċi deroga li permezz tagħha l-pajjiż tal-aħħar attività jipprovdi benefiċċji ta' qgħad lill-persuna li kienet taħdem għal rasha u li issa hija kompletament qiegħda li kienet tirrisjedi barra l-Istat Membru kompetenti, jekk ma jkun hemm l-ebda possibbiltà għal kwalunkwe kategorija ta' persuni li jaħdmu għal rashom biex ikunu koperti minn sistema ta' benefiċċji ta' qgħad fil-pajjiż ta' residenza.

L-emendi adottati jkopru wkoll l-użu tal-kunċett ta' "bażi residenzjali" bħala kriterju biex tiġi ddeterminata l-leġislazzjoni applikabbli għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru (paragrafu ġdid fl-Artikolu 14 tar-Regolament 987/2009).

L-għan tal-emenda huwa li jiġi ċċarat il-kunċett ta' "uffiċċju rreġistrat jew post tan-negozju" bħala l-"bażi residenzjali" għall-persunal tal-ajru. Il-baży residenzjali huwa l-post minn fejn l-ekwipaġġ li jtir abitwalment iwettaq il-ħidma tiegħu fit-twettiq tal-kuntratt tiegħu.

Direttiva dwar l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-kampi elettromanjetiċi

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport ta' progress dwar Direttiva dwar ir-rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu minn aġenti fiżiċi (kampi elettromanjetiċi) ([17019/11](#)).

L-għan tal-proposta huwa li tiġi riveduta d-Direttiva 2004/40/KE sabiex jittieħed kont ta' studji xjentifiċi ġodda, filwaqt li jiġu żgurati livelli għoljin ta' protezzjoni tal-ħaddiema u, fost oħrajn, jiġi rieżaminat l-impatt tal-valuri limiti ta' espożizzjoni għal scanners ta' immaġni ta' reżonanza manjetika (MRI).

Id-Direttiva 2004/40/KE ġiet adottata flimkien ma' miżuri oħra maħsubin għall-protezzjoni tal-ħaddiema mill-effetti tal-istorbju, il-vibrazzjoni u r-radjażzjoni ottika, fuq is-saħħa. Madankollu, f'it żmien wara l-adozzjoni tagħha fl-2004, il-komunità medika li kienet taħdem b'immaġni ta' reżonanza manjetika (MRI) iddikjarat li l-attivitajiet tagħha kienu jiġu mfixkla bil-valuri stretti tal-limiti ta' espożizzjoni li huma stabbiliti fiha.

Minħabba dawn id-diffikultajiet fl-applikazzjoni tagħha u biex ikun hemm żmien biżżejjed biex id-Direttiva tiġi emendata fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida, il-Parlament u l-Kunsill dak iż-żmien iddeċidew li jtawlu t-traspożizzjoni tagħha sat-30 ta' April 2012.

Minkejja l-progress sinifikanti li sar fil-korpi tal-Kunsill u billi d-dossier huwa kumpless u tekniku ħafna, għad hemm il-ħtieġa ta' aktar konsultazzjonijiet ma' esperti dwar żewġ settijiet ta' kwistjonijiet prinċipali: il-mod li bih jiġu espressi l-limitazzjonijiet ta' espożizzjoni u d-deroga/i għal limiti vinkolanti tal-espożizzjoni.

Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Il-Kunsill ma laħaqx qbil politiku dwar l-estensjoni tad-deroga marbuta mal-kriżi rigward il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), billi ma setgħetx tinkiseb maġġoranza kwalifikata.

Madankollu, il-Presidenza setgħet tirrapporta dwar il-progress li sar s'issa, abbażi tar-rapport li jinsab fid-dokument [16706/4/11 REV 4](#).

Ir-Regolament propost għandu l-għan li jestendi d-deroga marbuta mal-kriżi (introdotta fl-2009 u li għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011) għal sentejn oħra sal-31 ta' Diċembru 2013, jiġifieri tmiem il-qafas finanzjarju pluriennali attwali. L-estensjoni tad-deroga hija għalhekk mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-futur tal-FEG.

Il-FEG ġie stabbilit fl-2006 bir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 bil-għan prinċipali li jappoġġa lil ħaddiema milqutin minn sensji li rriżultaw mit-tibdil fil-mudelli tal-kummerċ dinji. Bil-kofinanzjament tal-miżuri tal-politika dwar is-suq tax-xogħol attiv, il-FEG kellu l-għan li jiffaċilita l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema f'setturi jew reġjuni li jsofru l-konsegwenzi tat-tfixkil serju fl-ekonomija.

Fid-dawl tal-iskala u r-ritmu mgħaġġel tal-iżviluppi fil-kriżi finanzjarja u ekonomika fl-2008, il-Kummissjoni pproponiet l-ewwel reviżjoni tar-Regolament. L-għan tar-reviżjoni tal-2009 kien fost l-oħrajn l-introduzzjoni ta' deroga temporanja bħala parti mir-rispons tal-Ewropa għall-kriżi, biex il-FEG jinbidel fi strument ta' intervent bikri u aktar effettiv f'każ ta' kriżi f'konformità mal-prinċipji fundamentali ta' solidarjetà u ġustizzja soċjali.

Din id-deroga wessgħet il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG biex jiġi kopert l-appoġġ favur ħaddiema li nġataw is-sensja bħala konsegwenza diretta tal-kriżi finanzjarja u ekonomika u biex jidied il-livell ta' kofinanzjament tal-FEG minn 50 għal 65 %.

Minn mindu ġiet introdotta d-deroga marbuta mal-kriżi, kien hemm żieda qawwija fl-għadd ta' applikazzjonijiet għal appoġġ mill-FEG kif ukoll żieda fl-għadd ta' Stati Membri li applikaw għal appoġġ mill-FEG: bejn Mejju 2010 u Lulju 2011, ġew introdotti 62 applikazzjoni għal 52 875 ħaddiem għal ammont totali ta' EUR 275 857 280.

Direttiva dwar il-leave tal-maternità

Il-Kunsill ħa kont tal-progress li sar dwar id-Direttiva tal-leave tal-maternità abbażi ta' rapport tal-Presidenza ([17029/11](#)).

Ir-rapport jirriżulta fil-konklużjonijiet preliminari li ġejjin:

- il-leave tal-maternità (anke iqsar minn 20 ġimgħa) bi ħlas sħiħ ma ġiex appoġġat;
- il-konsiderazzjoni ta' aktar ħlas fil-livell ta' ħlas għall-mard kienet l-għażla li kisbet l-aktar appoġġ mid-delegazzjonijiet. Diversi delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar li "ħlas għall-mard" kien terminu mhux ċar (hemm livelli differenti ta' ħlas għall-mard, inkluż ħlas għall-mard statutorju u kontributorju, u l-livell jista' wkoll jiddependi mit-tul tal-mard);
- kien hemm ukoll ċertu appoġġ bħala għażla li tinvolvi allowance tal-maternità b'limitu massimu, bħala bażi għal aktar diskussjoni;
- filwaqt li xi delegazzjonijiet qiesu li l-klawsola "passarelle" hija għażla interessanti, kien hemm oħrajn li ma setgħux jaċċettaw dan l-approċċ.

Barra minn hekk huwa jikkonkludi li, fid-dawl tad-diskussjonijiet reċenti u l-laqgħa ministerjali informali fi Krakovja fil-21 ta' Ottubru, qed jidher ferm ċar li l-perijodu ta' 20 ġimgħa ta' leave tal-maternità b'paga sħiħa huwa inaċċettabbli għall-Kunsill. B'kont meħud tad-diversità wiesgħa tas-sistemi ta' protezzjoni tal-maternità u sigurtà soċjali fost l-Istati Membri differenti, kif ukoll l-implikazzjonijiet finanzjarji speċjalment waqt il-kriżi, l-introduzzjoni ta' soluzzjoni bħal din jista' jkollha effetti kontroproduċenti.

Direttiva dwar it-Trattament Ugwali

Il-Kunsill ħa kont tal-progress fin-negozjati dwar id-direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali ([16525/11](#)).

Id-direttiva proposta ilha tiġi eżaminata fil-Kunsill għal aktar minn tliet snin. Hija testendi l-leġislazzjoni tal-UE foqasma ġodda, abbażi tal-Artikolu 19 tat-Trattat UE.

Matul il-Presidenza Pollakka, id-diskussjonijiet tal-korpi tal-Kunsill iffokaw fuq suġġett speċifiku, jiġifieri, id-dispożizzjonijiet rigward l-età bħala fattur ta' diskriminazzjoni. F'ċerti każijiet, it-trattament differenti huwa ġġustifikat. Pereżempju, il-limiti tal-età huma meħtieġa għall-protezzjoni tal-minorenni.

Hija meħtieġa aktar diskussjoni dwar għadd ta' kwistjonijiet pendenti, bħal:

- id-diviżjoni tal-kompetenzi, il-kamp ta' applikazzjoni ġenerali u s-sussidjarjetà;
- id-dispożizzjonijiet dwar id-diżabbiltà, inklużi l-aċċessibbiltà u l-akkomodazzjoni raġonevoli għal persuni b'diżabbiltà;
- il-kalendarju ta' implimentazzjoni;
- iċ-ċertezza legali fid-direttiva iġenerali.

Impjiegi u politika soċjali fl-Istrateġija Ewropa 2020

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' politika dwar kwistjonijiet ta' impjiegi u l-politika soċjali marbuta mal-Istrateġija Ewropa 2020, abbażi ta' nota ta' spjegazzjoni mill-Presidenza ([17426/11](#)).

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir għall-2012 kif ukoll tal-abbozz ta' rapport konġunt dwar l-impjiegi anness għall-istħarriġ ([17229/11](#) + [ADD 3](#)).

Il-Ministri analizzaw l-esperjenza tal-ewwel sena u esprimew l-aspettattivi għat-tieni sena tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija fil-qasam ta' impjiegi u l-politika soċjali.

Huma enfasizzaw li l-programmi ta' konsolidazzjoni fiskali u riforma għandhom ikunu bbilanċjati sew fir-rigward ta' impatt soċjali tagħhom u ta' mudell soċjali Ewropew. It-tkabbir għandu jsir id f'id mal-ħolqien ta' impjiegi. L-isforzi għandhom jikkonċentraw fuq iż-żgħażaġh u l-persuni qiegħda għal perijodu twil, billi dawn jiġu offruti programmi ta' taħriġ u azzjoni biex itejbu l-ħiliet tagħhom u jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Huma ssottolinjaw ukoll li d-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol huwa essenzjali biex wieħed jaħrab il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Il-Kummissjoni indikat li l-UE kienet teħtieġ tagħti tveġiba konvinċenti għall-kriżi, għax mhumie x biss l-affarijiet finanzjarji li kienu f-perikolu iżda wkoll il-koeżjoni soċjali u l-mudell soċjali Ewropew. Il-konsolidazzjoni fiskali hija meħtieġa, iżda għandha tkun akkumpanjata minn ħolqien ta' impjiegi u fiduċja mġedda. Ir-rata persistentement għolja ta' l-qgħad fl-UE u l-għadd dejjem jikber ta' persuni fir-riskju ta' faqar jeħtieġu azzjoni determinata. Dawk l-aktar milqutin mill-qgħad u l-inattività ekonomika jirriskjaw jtiflu l-ħiliet tagħhom u jħallu s-suq tax-xogħol. Matul it-tliet snin li għaddew, il-qgħad taż-żgħażaġh tela' minn 15% għal 21%. Huwa d-dmir ta' l-Ewropa li tiżgura li ma tintilifx ġenerazzjoni sħiħa minħabba l-kriżi.

Il-Kunsill adotta **konklużjonijiet** ([17423/11](#)) dwar is-segwitu għall-ewwel Semestru Ewropew, li jevalwaw kemm il-ħidma li diġà twettqet u kif ukoll jistipulaw kif għandha tkompli l-implimentazzjoni fl-2012. Il-konklużjonijiet huma ġeneralment ibbażati fuq ir-rapport tematiku, imħejji mill-Kumitat ta' Impjiegi (EMCO), u fuq l-opinjoni ta' Kumitat ta' Protezzjoni Soċjali (KPS).

Ir-rapport tematiku jkopri għadd ta' kwistjonijiet ([17239/11](#)). L-ewwelnett ġie eżaminat ir-rwol tal-politiki dwar l-ispejjeż tax-xogħol u l-pagi. Ir-rapport iqis ir-rwol tal-ispejjeż tax-xogħol fir-rigward tal-produttività, l-inflazzjoni jew id-diflazzjoni u l-kompetittività internazzjonali, u fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku iġenerali. Ir-rapport iħares ukoll lejn il-kwistjonijiet dwar il-partiċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-ħolqien ta' impjiegi. Tingħata attenzjoni partikolari lill-partiċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema nisa u ta' ħaddiema anzjani. Huwa importanti li jkun hemm stimolu suffiċjenti għall-partiċipazzjoni ta' dawn il-ħaddiema. Inċentivi jistgħu jinkludu tassazzjoni u benefiċċji adatti u forniment adegwat ta' faċilitajiet ta' kura, speċjalment għat-tfal.

Il-Kunsill approva wkoll l-**opinjoni** ta' hawn fuq **tal-KPS** f'antiċipazzjoni tar-rapport sħiħ ta' dan tal-aħħar dwar id-dimensjoni soċjali ta' Ewropa 2020, ipplanata għall-bidu tal-2012 ([17050/11](#)). L-opinjoni tiffoka fuq l-impatt soċjali tal-kriżi, filwaqt li tisħaq li l-konsegwenzi soċjali wrew impatti evidenti, pereżempju ż-żieda ta' persuni li jirċievu paga minima, assistenza soċjali u benefiċċji ta' djar. L-iskemi tas-sigurtà soċjali huma taħt pressjoni li dejjem qed tiżdied minħabba l-kriżi ekonomika mtawla. Huwa għalhekk essenzjali li s-sistemi tal-protezzjoni soċjali jkomplu joffru protezzjoni u jtejbu l-impjegabbiltà tal-individwi.

Il-Presidenza ddeskriviet fil-qosor l-aspetti prinċipali tad-dibattitu kif ġej:

- meħtieġa azzjoni urġenti; minkejja l-kriżi, huwa importanti li jiżdiedu l-isforzi biex jiżdiedu l-impjiegi, u l-ħidma għal koeżjoni soċjali;
- meħtieġa riformi strutturali, pereżempju fis-sistemi tal-benefiċċji u l-pensjoni;
- huwa importanti li l-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu jikkorrespondu mal-ħiliet meħtieġa fis-swieq tax-xogħol;
- il-Kunsill EPSCO għandu rwol fil-proċess tal-governanza ekonomika;
- u, fuq kollox, irid jipprevali l-ottimizzmu fl-UE.

Il-Presidenza ser tippreżenta l-konklużjonijiet u dokumenti relatati bħala l-kontribut tal-EPSCO għall-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru. Fil-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-Patt Euro Plus ser josservaw il-progress tal-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam tal-impjiegi.

It-tixjiħ: opportunità għas-suq tax-xogħol u għall-iżvilupp ta' servizzi soċjali u attivitajiet komunitarji

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar it-tixjiħ bħala opportunità għas-suq tax-xogħol u għall-iżvilupp ta' servizzi soċjali u attivitajiet komunitarji ([16474/11](#)).

Il-konklużjonijiet, fil-kuntest tat-tibdil demografiku mingħajr preċedent li l-UE qed tiffaċċja attwalment, jappellaw għal involviment akbar ta' u rwol attiv għall-persuni anzjani.

Il-persuni anzjani jirrappreżentaw potenzjal kbir għall-kompetittività u l-prosperità futuri tal-Ewropa fil-ħajja ekonomika u soċjali. Dan għandu jinkiseb fost l-oħrajn billi jitneħħew l-ostakoli ta' impjieġ, jittejbu l-kondizzjonijiet tal-impjieġ, jiġi indirizzat il-ħruġ prematur mis-suq tax-xogħol, tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni u jsir investiment fit-tagħlim tul il-ħajja.

Il-konklużjonijiet waslu ukoll fi żmien opportun ħafna bil-ħsieb tas-sena Ewropea li ġejja tat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet (2012).

Rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja fil-kuntest tal-pjattaforma ta' azzjoni ta' Bejġing

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja fil-kuntest tal-pjattaforma ta' azzjoni ta' Bejġing ([17420/11](#)).

Huwa importanti li n-nisa u l-irġiel jiġu megħjuna jirrikonċiljaw id-dmirijiet tagħhom tax-xogħol mad-dmirijiet tagħhom bħala ġenituri u persuni li jieħdu ħsieb oħrajn. Il-kisba ta' bilanċ tajjeb mhuwiex biss tajjeb għall-familji: huwa tajjeb għall-ekonomija, għax jippermetti li aktar persuni jilħqu l-potenzjal tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Il-konklużjonijiet jappellaw għal sforzi li jappoġġaw ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol, tal-familja u dik privata, inkluż permezz ta' tipi differenti ta' forniment ta' kura, leave relatat mal-familja u arranġamenti ta' xogħol flessibbli. Huma jissottolinjaw ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-politiki dwar ir-rikonċiljazzjoni ma jkunux ta' ħsara għall-prospetti ta' karriera u s-sitwazzjoni ekonomika tan-nisa. Dawn il-kwistjonijiet huma rilevanti wkoll fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020, fejn kien hemm qbil dwar mira ta' impjieg ta' 75% għan-nisa u l-irġiel fl-età bejn l-20 u l-64 sena.

Il-konklużjonijiet isegwu minn rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ([16835/11 ADD 1](#)), li kien abbozzat fil-kuntest tas-segwitu tal-pjattaforma ta' azzjoni ta' Bejġing.

Il-pjattaforma ta' azzjoni ta' Bejġing hija l-aġenda tan-Nazzjonijiet Uniti għall-emanċipazzjoni tan-nisa.

Ħafna mill-ħidma tal-Kunsill fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi ssir fil-qafas tal-pjattaforma ta' Bejġing.

Moviment liberu tal-ħaddiema mill-Bulgarija u r-Rumanija

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-funzjonament tal-arranġamenti transizzjonali dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema mill-Bulgarija u r-Rumanija ([16923/11](#)+[ADD 1](#)).

Waqt l-ikla ta' nofsinhar, il-Ministri ddiskutew l-"impjiegi taż-żgħażaġh" abbażi tan-nota ta' spjegazzjoni tal-Presidenza ([17590/11](#)).

AFFARIJIET OĦRAJN (Politika Soċjali u Impjiegi)

– **L-ewwel Konvenzjoni annwali tal-pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali**

Il-Presidenza u l-Kummissjoni informaw lill-Kunsill dwar l-ewwel Konvenzjoni annwali tal-pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, li saret fi Krakovja, fis-17 u t-18 ta' Ottubru.

– **Proposti leġislattivi fil-qasam tal-migrazzjoni**

Il-Presidenza informat lill-Kunsill li:

- fl-24 ta' Novembru l-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar id-direttiva tal-**permess uniku**, u li
- sar progress konsiderevoli dwar il-proposti tat-**trasferimenti intra-ażjendali** u l-**ħaddie ma staġjonali**.

– Il-Kummissjoni informat lill-Kunsill dwar l-istat attwali ta'

- ir-reviżjoni tad-direttiva dwar il-**ħin tax-xogħol**
- il-proposti mistennija rigward l-**istazzjonar tal-ħaddiema**
- l-**istrateġiji** nazzjonali għall-**integrazzjoni tar-Rom** u
- nisa fuq bords tal-kumpanniji.

- Laqgħa informali tal-Ministri għall-familja u l-ugwaljanza bejn is-sessi

Il-Presidenza informat lill-Kunsill dwar il-laqgħa informali tal-Ministri għall-familja u l-ugwaljanza bejn is-sessi li ġiet organizzata fi Krakovja, fil-21 ta' Ottubru 2011, kif ukoll dwar il-konferenzi tal-Presidenza.

- Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss

Id-delegazzjoni Daniża tat lill-Kunsill l-ewwel preżentazzjoni tal-programm tal-Presidenza għall-ewwel semestru tal-2012.

SAĦĦA U AFFARIJET TAL-KONSUMATUR

Mard respiratorju kroniku fit-tfal

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet intitolati "Il-prevenzjoni, id-dijanjsi bikrija u t-trattament ta' mard respiratorju kroniku fit-tfal" ([16709/11](#)), li jappellaw lill-Istati Membri sabiex fil-programmi tas-saħħa tagħhom jagħtu konsiderazzjoni adatta għall-prevenzjoni, id-dijanjsi bikrija u t-trattament ta' mard respiratorju kroniku fit-tfal. L-Istati Membri għandhom ukoll iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar dan il-mard, isaħħu l-prevenzjoni tat-tipjip u l-programmi tal-waqfien mit-tipjip għan-nisa tqal u jsegwu r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar ambjenti bla tipjip ([15937/09](#)). Il-Kummissjoni hija mistiedna tappoġġa l-Istati Membri fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika effettivi dwar il-prevenzjoni ta' mard respiratorju kroniku fit-tfal, it-titjib tan-netwerking bejn l-istituzzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' programmi nazzjonali, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni taċ-ċentri nazzjonali u r-rinfurzar tan-netwerks attwali ta' riċerka internazzjonali.

Il-mard respiratorju kroniku fit-tfal huwa waħda mill-prijoritajiet tal-Presidenza Pollakka fil-qasam tas-saħħa pubblika.

L-ażma u r-rinite allerġika huma l-mard respiratorju kroniku l-aktar komuni fit-tfal u li l-ażma hija r-raġuni l-aktar komuni għaż-żjarat fl-emerġenza u l-ammissjonijiet fl-isptar fost it-tfal.

Il-konklużjonijiet jieħdu kont tal-eżiti tal-konferenza tal-esperti dwar il-"Prevenzjoni u kontroll tal-ażma u l-allerġiji fit-tfal fl-UE mill-aspett tas-saħħa pubblika: hteġa urġenti li jimtlew il-lakuni", li saret fil-21 u t-22 ta' Settembru 2011 f'Varsavja, li ssottolinjat hteġa urġenti li jitjiebu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni bikrija u t-trattament ta' mard respiratorju kroniku fit-tfal billi jiġu indirizzati fil-linji politiċi tas-saħħa fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali kif ukoll dak tal-UE. Il-kwistjoni tal-mard respiratorju kroniku fit-tfal tressaq ukoll għall-attenzjoni tal-konferenza fil-livell ministerjali "Is-solidarjetà fis-saħħa. Għeluq tal-lakuni fis-saħħa fl-UE" li saret f'Poznań (il-Polonja) fis-7-8 ta' Novembru 2011.

Problemi ta' komunikazzjoni fit-tfal

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet intitolati "L-identifikazzjoni bikrija u t-trattament ta' problemi ta' komunikazzjoni fit-tfal, inkluż l-użu ta' għodod tas-Saħħa elettronika u soluzzjonijiet innovattivi" ([16620/11](#)), li stiednu lill-Istati Membri biex ikomplu jagħtu prijorità lill-identifikazzjoni bikrija permezz ta' skrinjar u segwitu għall-problemi fis-smigħ, il-vista u d-diskors fit-tfal. Flimkien mal-Kummissjoni l-Istati Membri għandhom jikkonsidraw il-qasam tal-problemi ta' komunikazzjoni fit-tfal bħala parti mill-proċess ta' ħidma kontinwu li għandu jitwettaq fuq in-netwerks ta' referenza Ewropej f'konformità mad-direttiva dwar is-saħħa transkonfinali, u jagħtu wkoll konsiderazzjoni adatta lil dan is-suġġett fil-kuntest tal-inizjattivi attwali tas-Saħħa elettronika tal-UE, inkluż in-netwerk tas-Saħħa elettronika. Il-Kummissjoni qed tintalab sabiex tadotta l-kriterji u l-kondizzjonijiet għan-netwerks ta' referenza Ewropej sal-aħħar tal-2013, b'kont meħud tal-esperjenzi ta' kooperazzjoni fost iċ-ċentri speċjalizzati għat-trattament tal-problemi ta' komunikazzjoni.

Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), nofs il-każijiet kollha ta' nuqqas jew problemi ta' smigħ jistgħu jiġu evitati permezz ta' prevenzjoni, dijanjosi u ġestjoni bikrija.

Il-konklużjonijiet jieħdu kont tal-konklużjonijiet tal-10 Kungress tal-Federazzjoni Ewropea tas-Soċjetajiet tal-Awdjoloġija (EFAS), li ġie organizzat mit-22 sal-25 ta' Ġunju 2011 f'Varsavja, li jenfasizzaw il-kwistjoni tal-problema ta' komunikazzjoni fit-tfal u r-rwol tal-identifikazzjoni u l-intervent bikri.

Fuq inizjattiva Pollakka, ir-rappreżentanti tas-soċjetajiet xjentifiċi Ewropej għall-awdjologija, l-oftalmoloġija u t-terapija tal-pronunzja ffirmaw "il-Kunsens Ewropew dwar l-iskrinjar għas-smigħ, il-vista u d-diskors għat-tfal li qed jibdwu l-edukazzjoni skolastika" fit-22 ta' Ġunju 2011.

Għeluq tal-lakuni fis-saħħa bil-promozzjoni ta' mġiba għal stil ta' ħajja san

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar l-"Għeluq ta' lakuni fis-saħħa fl-UE permezz ta' azzjoni miftiehma li tippromwovi mġiba għal stil ta' ħajja san" ([16708/11](#)), li jistiednu lill-Istati Membri biex ikomplu, jintensifikaw jew jiżviluppaw linji ta' politika u azzjonijiet li jippromwovu mġiba għal stil ta' ħajja san u jindirizzaw id-determinanti soċjali biex jagħlqu l-lakuni fis-saħħa. L-Istati Membri u l-Kummissjoni huma msejħa biex iżommu u jsaħħu, kif adatt, dawk l-azzjonijiet u l-linji ta' politika li juru li huma effettivi fit-tnaqqis tal-lakuni fis-saħħa, li jippromwovu l-implimentazzjoni effettiva tal-approċċ dwar is-"Saħħa fil-linji ta' politika kollha" b'attenzjoni speċjali fuq l-ekwità, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni u jagħmlu użu aħjar tan-netwerks attwali. Huma jappellaw ukoll għall-promozzjoni ta' mġiba ta' stil għal ħajja san permezz tal-kontroll tat-tabakk, it-tnaqqis tax-xaħam, il-melħ, iz-zokkor u l-enerġija fl-ikel, l-implimentazzjoni ta' ġabra ta' rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) għall-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel u bibiti mhux alkoħoliċi kif ukoll l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika effettivi dwar l-alkoħol u t-titjib tal-ambjenti urbani.

Skont il-Kummissjoni, hemm differenzi kbar fis-saħħa bejn l-Istati Membri. Bħala eżempju, il-probabbiltà li tarbija tmut qabel tagħlaq l-ewwel sena mit-twelid tvarja b'fattur ta' ħamsa. L-istennija tal-ħajja fit-twelid tvarja bi tmien snin (għan-nisa) u erbatax-il sena (għall-irġiel). Fl-Istati Membri kollha, il-livell ta' mard u l-età li fiha jmutu n-nies huma influwenzati b'mod qawwi minn fatturi bħall-impjeg, id-dħul, it-tul tal-edukazzjoni u l-etniċità. Fl-Ewropa tal-lum, sitta mis-seba' l-akbar fatturi ta' riskju għall-imwiet prematuri (pressjoni tad-demm, kolesterol, l-indiċi tal-massa eċċessiva tal-ġisem, il-konsum inadegwat ta' frott u ħxejjex, in-nuqqas ta' attività fiżika u l-konsum eċċessiv ta' alkoħol) huma relatati ma' kif nieklu, nixorbu u niċċaqlu.

Il-konklużjonijiet jieħdu kont tal-eżiti tal-laqqha tal-esperti dwar "il-Politika dwar l-Alkoħol fil-Polonja u madwar l-Ewropa: Żvantaġġi Mediċi u Ekonomiċi tal-Użu tal-Alkoħol", li saret f'Poznan fil-11 u t-12 ta' Ottubru 2011 u l-konferenza fil-livell ministerjali "Is-solidarjetà fis-saħħa. Għeluq tal-lakuni fis-saħħa fl-UE", li saret f'Poznan fis-7-8 ta' Novembru 2011.

Programm tas-Saħħa għat-Tkabbir 2014-2020

Il-ministri skambjaw fehmiet dwar abbozz ta' regolament li jwaqqaf "Programm tas-Saħħa għat-Tkabbir", it-tielet programm pluriennali ta' azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa għall-perijodu 2014-2020 ([16796/11](#)).

B'mod ġenerali l-ministri laqgħu l-proposta tal-Kummissjoni u b'mod partikolari l-ħsieb li l-appoġġ tal-UE fir-rigward tas-saħħa jiġi ffukat fuq numru iżgħar ta' prioritajiet li joffru b'mod ċar il-valur miżjud tal-UE. Huma kkondividew il-fehma li s-saħħa mhux biss tirrappreżenta fattur ta' spiża iżda wkoll mutur importanti għat-tkabbir ekonomiku. Huma kkunsidraw li l-prinċipji tal-implimentazzjoni tal-programm jirrifletti r-rakkomandazzjonijiet magħmula b'riżultat tal-evalwazzjoni ta' programmi preċedenti. Is-simplifikazzjoni proposta tal-proċedura tal-applikazzjoni rċeviet appoġġ wiesa' ukoll. Il-ħidma fuq l-abbozz ta' regolament ser tkompli taħt il-Presidenza Daniża li jmiss.

Il-programm propost jibni fuq il-programm li għaddej, li jwassal sal-aħħar tal-2013. Hu mmirat biex jappoġġa u jikkomplementa l-ħidma tal-Istati Membri biex jiksbu erba' objettivi:

- l-iżvilupp ta' sistemi tas-saħħa innovattivi u sostenibbli;
- żieda fl-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura għaċ-ċittadini;
- il-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, u
- il-ħarsien taċ-ċittadini minn theddid għas-saħħa ta' natura transkonfinali.

Il-Kummissjoni pproponiet l-appoġġ tal-programm il-ġdid b'ammont ta' EUR 446 miljun, soġġett għal ftehim dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (MFF).

AFFARIJIET OĦRAJN (Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)

– **Informazzjoni dwar prodotti mediċinali u farmakoviġilanza**

Il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill li ser taqşam il-proposti tagħha dwar l-informazzjoni lill-pubbliku inġenerali dwar il-prodotti mediċinali fuq naħa waħda, u l-farmakoviġilanza fuq in-naħa l-oħra.

– **Eżiti u konferenzi tal-Presidenza Pollakka**

Il-Presidenza Pollakka infurmat lill-Kunsill dwar l-eżitu tal-konferenzi organizzati minn Lulju 'l quddiem.

– **UNAIDS**

Il-Presidenza infurmat lill-ministri dwar il-Programm Konġunt tan-NU dwar l-HIV/AIDS, UNAIDS.

– **Oġġetti tal-ikel**

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport ta' progress tal-Presidenza dwar l-abbozz ta' regolament dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar u dwar ikel għal skopijiet mediċi speċjali ([17469/11](#)).

– **Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika fil-livell ta' Uffiċjali Għolja**

Il-Presidenza tat rendikont lill-ministri dwar il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika fil-livell ta' Uffiċjali Għolja li ltaqa' fi Brussell fl-10 ta' Ottubru 2011 ([17658/11](#)).

– **Sħubija għall-Innovazzjoni Ewropea**

Il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill dwar is-Sħubija għall-Innovazzjoni Ewropea b'mod partikolari l-proġett pilota dwar it-tixjiħ attiv u b'saħħtu ([17658/11](#)).

– **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**

Id-Danimarka infurmat lill-ministri dwar il-programm ta' ħidma tagħha bħala l-Presidenza li jmiss tal-Kunsill tal-UE.

PUNTI OĦRA LI ĠEW APPROVATI

KULTURA

Bord taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar l-arranġamenti prattiċi u proċedurali għall-ħatra mill-Kunsill ta' erba' membri tal-bord Ewropew responsabbli biex jagħżlu s-siti li għandhom jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew¹ u għall-monitoraġġ sussegwenti tagħhom ([16808/11](#)).

Dan iċ-ċertifikat jista' jingħata lil "siti" li għandhom valur simboliku qawwi - u mhux sempliċiment estetiku - fir-rigward tal-istorja u l-wirt kulturali Ewropej (bħal monumenti u siti naturali, ta' taħt l-ilma, arkeoloġiċi, industrijali jew urbani, pajsaġġi u oġġetti kulturali). Huwa għandu wkoll l-għan li jsaħħaħ is-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini Ewropej għall-Ewropa, speċjalment fost iż-żgħażaġh.

TURIŻMU

Proġetti kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - *Konklużjonijiet tal-Kunsill*

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali Nru 6/2011 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri rigward l-effikaċja ta' proġetti dwar it-turiżmu kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Il-konklużjonijiet jinsabu fid-dokument [16947/11](#).

¹ [OJ L 303, 22.11.2011](#)

AGRIKOLTURA**Statistika dwar għelejjel permanenti**

Il-Kunsill adotta Regolament rigward l-istatistika Ewropea dwar għelejjel permanenti wara qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew ([54/11](#)).

L-għan ta' din il-proposta hu li taġġorna, tissimplifika u ttejjeb kemm tista' l-qafas legali eżistenti għall-istatistika Ewropea dwar l-għelejjel permanenti (dwieli u frott), billi tissostitwixxi ż-żewġ atti legali eżistenti b'att wieħed.

Minn mindu dahl fuq fis-seħħ l-atti legali eżistenti, b'mod partikolari r-Regolament 357/79 għad-dwieli u d-Direttiva 2001/109 għas-siġar tal-frott, kemm il-kondizzjonijiet ta' produzzjoni kif ukoll is-sitwazzjoni tas-suq għaddew minn tibdil sinifikanti. Dan għaliex ir-Regolament il-ġdid jissemplifika l-analiżi tal-produzzjoni u r-reġjuni, u jieħu kont ta' tibdil reċenti fil-kategoriji tal-inbejjed. Ir-Regolament iwieġeb ukoll għat-tibdil fil-ħtiġijiet tal-utenti, jgħid għal data dwar pjantaġġuni taż-żebbuġ, u jaġġorna l-iskadenzi tat-trasmissjoni tad-data. Barra minn hekk, il-proposta tissemplifika aktar il-varjabbli u l-kunċetti u tadatta b'mod sinifikanti l-istatistika dwar l-għelejjel permanenti billi tikkanċella l-istatistika annwali dwar it-tibdil lill-pjantaġġuni u l-analiżi dettaljata ħa fna tal-produzzjoni tal-inbid.

ĦATRIET**Kumitat Ekonomiku u Soċjali**

Il-Kunsill ħatar lill-Baron Philippe de BUCK van OVERSTRAETEN (Beġju), bħala membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2015 ([16332/11](#)).

Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kunsill ħatar lis-Sinjura Ewa-May KARLSSON (Svezja) ([17006/11](#)), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2015.